**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2002

**Numru 19**

**Avviz numru 753/01JR**

**Samuel Pawney f'ismu propju u ezercenti l-kummerc taht l-isem Classic Press**

**vs**

**Kunsill Lokali Bormla kif rapprezentat mis-Sindku Paul Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-16 t'Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), jew somma verjuri, u fejn intqal:**

**Illi l-attur sofra danni b'rizultat tal-ksur tal-kuntratt ezistenti bejn il-partijiet, da parte tal-konvenut;**

**Ghaldaqstant l-attur talab li t-Tribunal jillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' l-agir tal-konvenut, liema somma ma teccedix il-kompetenza ta' dan it-Tribunal u li ghalhekk il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2001, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tat-2 t'Ottubru, 2001, deher il-konvenut li ddikjara li qed jikkontesta t-talba attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Louis Baldacchino, Samwel Pawney, Stephen Ciantar, Brian Loffreda, John Debono u Paul Muscat. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **L-attur istitwixxa din il-kawza ghad-danni li huwa allegatament sofra meta l-konvenuti ghazlu li jmorru jippublikaw il-magazine tal-Kunsill Lokali ta' Bormla ghand terzi, meta dawn kellhom kuntratt mieghu, u meta l-attur kien rebah it-tender fir-rigward tal-publikazzjoni ta' l-istess magazine.**

2. **Jirrizulta li l-konvenuti kienu hargu tender ghall-publikazzjoni ta' magazine, ghalkemm ma specifikawx kemm il-magazine ghandu jigi**

**ppubblikat. Fit-18 ta' Jannar, 2000, Dok.A, il-Kunsill ta' Bormla kien gharraf lill-attur li kien inghata t-tender, Dok.T, ghall-pubblikazzjoni ta' dan il-magazine, ossija kif jinghad fl-ittra: "for the printing and production of Council Magazine".**

3. **L-attur kien ghamel garanzija bankarja mal-Bank of Valletta plc, kif jirrizulta mid-Dok.B esebit.**

4. **F'Ottubru, 2000, Stephen Ciantar, editur tal-gurnal, kien kellem lill-attur li rreferih ghal Louis Baldacchino. L-istess Baldacchino ghall-Classic Press kien tkellem ma' Stephen Ciantar, meta Ciantar kien avvicinah tlett gimghat qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-gurnal, u Ciantar insista li l-gurnal ikun lest sat-22 ta' Dicembru, 2000. L-istess Ciantar kien urih sample ta' dak li ried, Dok.D, pero` wara dan ried haga ohra, ossija dak li jinsab esebit bhala Dok.E. Baldacchino jidher li hass li ma kellux hin sufficenti biex ilahhaq dak il-prodott, u ghalhekk ried aktar hin.**

5. **Jirrizulta bic-car li l-Kunsill ta' Bormla kien avvicina lil Classic Press biss tlett gimghat qabel id-data tal-pubblikazzjoni, u f'dan is-sens xehdu Brian Loffreda, Assistent Segretarju tal-Kunsill, u Paul Muscat is-Sindku. Fil-fatt Muscat zied jghid li normalment jmorru ghand l-istampatur xi hames jew sitt gimghat qabel id-data li jkunu jridu li l-**

**gurnal johrog. Jirrizulta ampjament li f'dan il-kaz marru tard ghand l-attur. Dana jirrizulta wkoll mill-ittra li ntbaghtet mill-Kunsill lill-attur datata 12 ta' Dicembru, 2000, fejn fost ohrajn jinghad:**

> **"…Huwa veru li avvicinajnik ftit tard, madankollu trid tapprezza l-fatt li ahna ma stajniex nghaddulek il-materjal kollu ghall-istampar aktar kmieni ghas-semplici raguni li l-Kunsill ried johrog fuljett bl-aktar taghrif aggornat."**

6. **It-Tribunal ma jsibx din ir-raguni li qed jaghti il-Kunsill, dwar taghrif aggornat, raguni sufficjenti sabiex jmorru bil-materjal bazi tardivament ghand l-attur, specjalment in vista tal-fatt li l-Kunsill ried li l-gurnal johrog sa certu data. Ghalkemm ghandu jinghad li ma jirrizulta minn imkien li kien hemm xi klawsola li torbot lill-attur f'dan is-sens, cioe` li kellu lest sa certu data, ghajr id-diskors li sar tlett gimghat qabel l-data pretiza mill-konvenuti ghall-pubblikazzjoni.**

7. **Jirrizulta li wara li l-Kunsill avvicina lill-attur u dan qalilhom li mhux ser ilahhaq fiz-zmien li riedu huma, dawna ghazlu li jqabbdu lill-haddiehor sabiex jaghmel dak ix-xoghol li bil-kuntratt kellu jaghmel l-attur.**

8. **Mill-provi jirrizulta li l-konvenuti kienu marru ghand s-Sunladn Press u qabbdu lilha biex tippubblika l-gurnal, u din fil-fatt ghamlitu. Haga li ma rrizultatx mid-deposizzjonijiet ta' l-istess konvenuti kien jirrigwarda il-fatt dwar fejn saru l-art works u l-films meta ghazlu li jmorru ghand stampatur iehor.**

9. **Ghalhekk jirrizulta li meta l-Kunsill ghazel li jmur ghand haddiehor, peress li kienu marru ghand l-attur tard ghad-data li fih riedu l-gurnal stampat, l-istess attur gie li sofra danni bin-nuqqas ta' stampar ta' l-istess gurnal ghall-dik l-edizzjoni partikolari.**

10. **Li ma jirrizultax huwa li wara dik id-data l-atturi sofrew danni. Kif xehed Paul Muscat, meta regghu avvicinawhom ghall-edizzjoni ta' wara, l-atturi rrifjutaw li jippublikaw il-gurnal.**

11. **L-atturi esibew prospett tad-danni ammontanti ghall-elf u disa' mitt lira Maltija. Pero` it-Tribunal qed jiehu in kunsiderazzjoni wkoll l-ittra mibghuta mill-atturi lill-konvenuti datata 5 ta' Jannar, 2001, Dok.F, fejn kienu qed jitolbu l-ammont ta' erba' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm447.20). Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba limitatament fl-ammont imsemmi ta' erba' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm447.20).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata in kwantu l-attur sofra danni b'rizultat ta' l-agir tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba limitatament fis-somma ta' erba' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm447.20), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa s-somma ta' erba' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm447.20).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**